MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 12/2024 LM

**Peter Paul Bonnici u Pauline Bonnici**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Europa Tours Ltd** *('l-appellanta')*
**Jesmond Vassallo**[1] *('l-appellat Vella')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Europa Tours Limited** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija fil-11 ta' Ġunju, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li ddeċieda t-talbiet

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tad-9 ta' Ġunju 2025.

tar-rikorrenti **Peter Paul Bonnici** u **Pauline Bonnici** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellati’] fil-konfront tas-soċjetà intimata u tal-intimat **Jesmond Vassallo**[2] [minn issa ’il quddiem ‘l-appellat Vassallo[3]’], kif ġej:

> *“Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta’ Malta, it-Tribunal jaqta’ u jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba avvanzata mill-atturi, u jordna lis-soċjetà intimata tħallas lill-atturi s-somma ta’ €2,200 (elfejn u mitejn euro).*
>
> *L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata.”*

## Fatti

2. Fl-avviż tat-talba tagħhom, ir-rikorrenti talbu l-ħlas tal-ammont ta’ €3,200 imħallas minnhom għal btala ġewwa Istanbul, it-Turkija bejn it-28 ta’ Diċembru, 2023 u t-2 ta’ Jannar, 2024, imma matul din il-btala huma kellhom diversi inkonvenjenzi u diffikultajiet, minħabba bidla fil-lukanda ftit qabel bdiet il-vaganza, u n-nuqqas ta’ faċilitajiet fil-lukanda li skont ir-rikorrenti huma bażiċi.

3. Is-soċjetà intimata ma ressqet l-ebda risposta għat-talbiet tar-rikorrenti.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-11 ta’ Ġunju, 2024, it-Tribunal iddeċieda li r-rikorrenti irnexxielhom jippruvaw it-talba tagħhom sal-grad rikjest mil-liġi, u għalhekk laqa’ t-talba tagħhom limitatament sal-ammont ta’ elfejn u mitejn Euro (€2,200), u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[2] Korrezzjoni awtorizzata b’digriet tad-9 ta’ Ġunju 2025.
[3] Korrezzjoni awtorizzata b’digriet tad-9 ta’ Ġunju 2025.

*"Ikkunsidra*

*Illi jirriżulta li l-atturi bbukkjaw btala mas-soċjetà intimata lejn Istanbul, it-Turkija. Din il-btala kienet bejn it-28 ta' Diċembru, 2023 u t-2 ta' Jannar, 2024. Il-prezz kumplessiv ta' din il-btala kien ta' €3,200 (tlett elef u mitejn euro), liema prezz kien jinkludi t-titjiriet u l-akkomodazzjoni. Illi mill-atti jirriżulta li l-lukanda li oriġinarjament kienet ser tkun parti mill-btala ġiet mibdula fl-aħħar mumenti qabel il-btala lejn Istanbul, it-Turkija.*

*Illi jirriżulta li entrambi l-atturi huma pensjonanti, u huma rriskontraw diffikultajiet tul il-btala. L-atturi ma kinux sodisfatti bil-lukanda li kienu alloġġjati fiha, liema lukanda kienet tinsab fit-tarf ta' telgħa, u l-ambjent tal-madwar ma kienx miżmum fi stat infrastrutturalment tajjeb, u ma kienx iġeniku. Illi l-atturi rriskontraw ukoll diffikultajiet ta' mobilità, peress li l-bankini ma kinux livellati, u kellhom diversi distanzi li kellhom jimxu.*

*Illi jirriżulta li l-atturi ppreżentaw diversi ritratti li huma ħadu tal-ambjenti tal-madwar tal-lukanda, liema ritratti jinsabu fl-atti ta' dawn il-proċeduri. Inoltre, jirriżulta wkoll li ftit ġranet wara r-ritorn tagħhom lejn Malta, l-attur Peter Paul Bonnici bagħat korrispondenza elettronika lis-soċjetà intimata fejn esprima d-diżappunt tiegħu għall-btala li kellhom.*

*Illi jirriżulta li s-soċjetà intimata wieġbet għal-lanjanzi avvanzati mill-atturi fil-korrispondenza elettronika tat-8 ta' Jannar, 2024, però ma pprovdiet l-ebda soluzzjoni lill-atturi. Inoltre, jiġi rilevat li l-atturi għamlu tentattivi għal inkontru mas-soċjetà intimata, bil-għan li tinstab soluzzjoni, liema tentattivi saru għat-8 ta' Jannar, 2024 u t-12 ta' Jannar, 2024, iżda f'entrambi l-ġranet ma saret l-ebda laqgħa. Finalment ġiet iffissata laqgħa għat-22 ta' Jannar, 2024, liema laqgħa ġiet ikkanċellata mis-soċjetà intimata ftit ħin qabel il-ħin skedat tal-laqgħa. Sussegwentment, l-atturi pproċedew bil-proċeduri odjerni.*

*Illi l-atturi pproduċew fl-atti ta' dawn il-proċeduri d-dokumentazzjoni riferuta fix-xhieda tagħhom, kif ukoll il-prova tal-ħlas totali tal-ammont ta' €3,200 (tlett elef u mitejn euro).*

*lli t-Tribunal jirrileva li għalkemm it-talba tal-atturi tirrelata mal-ammont totali tal-btala, inkluż it-titjiriet, l-attur Peter Paul Bonnici jirrimarka fix-xhieda tiegħu li huma "*mhux qed jitolbu l-ammont lura tat-titjiriet"*. Għalhekk it-Tribunal ser jieħu in konsiderazzjoni wkoll dan il-punt.*

*Illi t-Tribunal, minn analiżi tal-provi prodotti, u wara li sema' lill-partijiet jixhdu fl-atti ta' dawn il-proċeduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-atturi hija ġustifikata u għandha timmerita konferma, iżda mhux fl-ammont intier riklamat minnhom. Dan jingħad in vista tal-fatt li l-ammont riklamat jinkludi wkoll it-titjiriet li l-attur iddikjara li mhux qed jitlob l-ammont tagħhom lura. Madanakollu, l-ammont rappreżentanti t-titjiriet ma ġiex determinat fl-atti ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk it-Tribunal qiegħed* arbitrio boni viri *jistabilixxi dan l-ammont għal €1,000 (elf euro).*

*Illi t-Tribunal wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jidher ċar li l-atturi irnexxielhom jipprovaw l-istanza tagħhom sal-grad rikjest mil-liġi, u għalhekk it-Talba avvanzat minnhom għandha tiġi milqugħa limitatament għall-ammont ta' €2,200 (elfejn u mitejn euro)."*

## **L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fil-25 ta' Ġunju, 2025, is-soċjetà appellata spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għal numru ta' raġunijiet, u għalhekk talbet lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-11 ta' Ġunju, 2024, u tibgħat l-atti lura lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi l-każ skont il-liġi.

6. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal iddikjara li hija qiegħda fi stat ta' kontumaċja, u għalhekk ipprekludieha milli tressaq id-difiża tagħha f'dawn il-proċeduri. Qalet li l-liġi hija ċara dwar x'jista' jiġri meta l-parti intimata ma żżommx mat-terminu ta' tmintax-il jum għar-risposta kkontemplata fil-proċedura tat-Tribunal. Żiedet tgħid li l-unika miżura kkontemplata fil-liġi hija ordni ta' inadempjenza, li hija miżura totalment differenti minn dikjarazzjoni ta' stat ta' kontumaċja. Qalet li l-liġi tagħti l-fakoltà lir-rikorrent biss li jitlob il-ħruġ ta' ordni ta' inadempjenza, u mkien ma ġie indikat li t-Tribunal jista' jagħmel dan *ex officio.* Is-soċjetà appellanta qalet li kieku l-leġislatur kellu l-intenzjoni li

l-kontumaċja tkun applikabbli fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, kien jindika dan espressament, u t-Tribunal ma kellu l-ebda jedd jew poter jagħmel dikjarazzjoni bħal din fil-konfront tagħha. L-appellanta qalet li ladarba huwa biss ir-rikorrent li għandu dritt jitlob il-ħruġ ta' ordni ta' inadempjenza, kif ukoll ladarba l-kontumaċja imkien ma tissemma fil-liġi proċedurali tat-Tribunal, għandu jirriżulta li t-Tribunal aġixxa *ultra vires* meta ddikjara li hija qiegħda fi stat ta' kontumaċja.

7. L-appellanta qalet illi anki f'każ li t-Tribunal seta' jiddikjara li hija qiegħda fi stat ta' kontumaċja, hija xorta waħda kellha tingħata l-opportunità li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha, u dan skont dak li jipprovdi l-artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li għal xi raġuni hija qatt ma ngħatat l-opportunità mit-Tribunal tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, u wara li t-Tribunal appunta s-seduta tat-23 ta' April, 2024 sabiex jisma' x-xhieda tal-atturi, dan iddeferixxa l-kawża għas-sentenza għall-11 ta' Ġunju, 2024. Is-soċjetà appellanta qalet li fis-seduta tat-23 ta' April, 2024, kien hemm preżenti rappreżentant tagħha Jesmond Vassallo, li ma kellu l-ebda opportunità jirribatti jew jagħmel sottomissjonijiet dwar dak allegat mill-appellati. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk, anki f'każ li t-Tribunal kien korrett jgħid li hija kienet fi stat ta' kontumaċja, dan xorta waħda kellu jagħtiha l-opportunità tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, xi ħaġa li ma saritx, u hija x-xewqa tagħha li tingħata l-opportunità tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar il-mertu tal-każ.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-Ewwel Aggravju:* *[It-Tribunal aġixxa* ultra vires *meta ddikjara li hija kontumaċi – l-istitut tal-kontumaċja ma japplikax fil-proċeduri quddiem it-Tribunal]*

9. L-appellanta tgħid li t-Tribunal ma kellux jiddikjara li hija qiegħda fi stat ta' kontumaċja, għaliex b'hekk hija ġiet prekluża milli tressaq id-difiża tagħha. Tgħid li r-rikorrenti kellhom ir-rimedju li jitolbu ordni ta' inadempjenza, imma huma naqsu milli jagħmlu dan, u t-Tribunal ma setax jiddeċiedi *ex officio* li hija kienet fi stat ta' kontumaċja, għaliex meta t-Tribunal għamel dan, kien qiegħed jaġixxi *ultra vires.*

10. Il-Qorti tibda billi tirrileva li s-soċjetà appellanta kellha terminu ta' tmintax-il jum, li fih kellha tressaq ir-risposta tagħha għat-talbiet tal-appellati. Dan it-terminu s-soċjetà appellanta ma osservatux, u għalhekk kien ġustifikat u korrett it-Tribunal meta ddeċieda li hija kienet kontumaċi, u li jqajjem dan il-punt anki *ex officio,* għaliex tali terminu huwa wieħed perentorju. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ngħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Giuseppi Caruana *vs* Charles Psaila**[4]:

> *"L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħu bl-ebda mod jiġu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jeħtieġ li jiġu*

[4] 21.03.1997.

*osservati u dan taħt piena ta' irritwalità u nullità tal-proċeduri li għandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirriżultaw lilha, tiġi wkoll sollevata mill-Qorti* ex officio *... In-nullità tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-proċedura hu null għandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jeħtiġilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarità tkun ġiet miġjuba a konoxxenza tagħha."*

11. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Peter Gatt *vs.* Brandon Theuma – Krea (Malta) Limited**[5], mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fejn ingħad illi:

"*Regolament 4.1 tar-"*Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur" *(Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01) jipprovdi li l-konvenut għandu 18-il jum biex jippreżenta risposta. Terminu li jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviż tat-talba. Jekk jonqos, l-attur jista' jitlob lit-Tribunal biex joħroġ ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat.* "Ordni t'inadempjenza" *hi mfissra f'Regola 2 bħala* "deċiżjoni tat-Tribunal fuq il-kwistjonijiet li jkun hemm quddiemu wara li xi parti tonqos milli twieġeb, jew tammetti, talba jew kontro-talba li tkun ġiet notifikata bihom." *Għalhekk skont l-imsemmija Regoli, ordni bħal din tinħareġ fuq talba tal-kontroparti u mhux* ex officio *mit-Tribunal. F'dan il-każ l-attur m'għamilx talba simili. Però dan ir-rimedju ma jfissirx li f'dawn it-tip ta' proċeduri ma teżistix il-kontumaċja."*

12. Ir-regolament 4.1 jipprovdi rimedju meta l-parti intimata f'dawn it-tip ta' proċeduri ma tweġibx. Dan ir-regolament jiffissa terminu ta' 18-il jum li fih il-parti intimata għandha tippreżenta r-risposta tagħha. Dan huwa terminu perentorju li ma jistax jiġi estiż, u għalhekk it-Tribunal kellu ta' bilfors jiddikjara li s-soċjetà appellanta hija kontumaċi għaliex din naqset milli tressaq ir-risposta tagħha fit-terminu preskritt mil-liġi. Is-soċjetà appellanta ma setgħetx tonqos milli tressaq tweġiba sabiex tispjega lill-parti l-oħra x'linja difensjonali kienet sejra tadotta, u tippretendi li ma jkunx hemm konsegwenza għal dan in-nuqqas. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

[5] 29.01.2016.

*It-Tieni Aggravju:* *[Is-soċjetà appellanta kellha tingħata ċans tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha]*

13. Is-soċjetà appellanta tgħid li fil-każ preżenti t-Tribunal għamel seduta waħda fejn sema' l-provi tal-appellati, u ddikjara li l-kawża kienet qiegħda tiġi differita għas-sentenza, b'dan illi hija ma ngħatatx l-opportunità li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha.

14. Mill-atti jirriżulta li dakinhar li saret l-ewwel seduta quddiem it-Tribunal, is-soċjetà appellanta kienet rappreżentata minn rappreżentant tagħha, li fl-ebda waqt ma ttenta jiġġustifika n-nuqqas tas-soċjetà appellanta li tressaq ir-risposta tagħha entro t-terminu preskritt fil-liġi. Fil-każ preżenti, minkejja li s-soċjetà appellanta kienet debitament rappreżentata waqt l-ewwel seduta li saret, ma jirriżulta li sar l-ebda tentattiv sabiex hija tagħti spjegazzjoni lit-Tribunal dwar l-istat ta' kontumaċja tagħha, u lanqas ma ntalbet xi forma ta' awtorizzazzjoni sabiex titħalla tressaq xi prova jew tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha. Huwa biss f'dan l-istadju tal-appell li l-appellanta qiegħda tagħmel talba f'dan is-sens. Il-Qorti tirrileva wkoll li t-Tribunal iddeferixxa l-kawża għal seduta ulterjuri, fejn ippreċiża li fis-seduta ta' wara kienet ser tingħata sentenza <u>in difett ta' xi ostakolu</u> (enfasi tal-Qorti). Minn imkien ma jirriżulta li s-soċjetà appellanta ressqet xi talba bil-miktub sabiex titħalla tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, jew li saret xi talba f'dan is-sens li ġiet miċħuda mit-Tribunal. Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax li hemm lok fejn tilqa' t-talba tas-soċjetà appellanta sabiex tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal ħalli jsir smigħ mill-ġdid. Dan iservi biss biex jitwal aktar iż-żmien, f'kuntest ta' proċeduri quddiem tribunal speċjalizzat li ma jirrikjedux il-formalitajiet jew ir-riġidità li s-soltu

mdorrijin bihom quddiem il-Qrati tagħna. Magħdud ma' dan, parti fi proċeduri quddiem it-Tribunal m'għandhiex tinjora għal kollox ir-regoli tal-proċedura, sabiex imbagħad tistrieħ fuq appell quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni sabiex tikseb rimedju li setgħet faċilment titlob li tingħata quddiem it-Tribunal.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**